IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2017
COM(2017) 584 final

2017/0257 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat għall-Kummerċ rigward l-emenda tal-Anness XII tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, li tistabbilixxi l-lista ta' entitajiet tal-akkwist Kolombjani skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI ("Akkwist Pubbliku")

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IS-SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim Kummerċjali") [1] b'konnessjoni mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar il-modifika mill-Kolombja tas-Subtaqsima 2 tat-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII ("Akkwist Pubbliku") tal-Ftehim.

Is-Subtaqsima 2 tat-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII ("Akkwist Pubbliku") tal-Ftehim tistabbilixxi l-lista tal-entitajiet tal-gvern subċentrali tal-Kolombja koperti mill-impenji dwar l-akkwist pubbliku.

Il-Kolombja qed tipproponi li timmodifika s-Subtaqsima 2 tat-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII ("Akkwist Pubbliku") tal-Ftehim permezz ta' żieda ta' nota li tispeċifika li "l-entitajiet tal-akkwist" tkopri l-entitajiet subċentrali pubbliċi tal-akkwist kollha u li ma jkollhomx karattru industrijali jew kummerċjali.

Ir-rappreżentanti tal-Partijiet qablu li tali modifika ma tkunx teħtieġ aġġustamenti kumpensatorji skont l-Artikolu 191 paragrafu 2 (a), minħabba li l-modifika ma twassalx biex tonqos il-kopertura.

2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-FtehimKummerċjali

Il-Ftehim Kummerċjali għandu l-għan li jiftaħ is-swieq fuq iż-żewġ naħat u jżid l-istabbiltà tar-relazzjoni kummerċjali.

Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Ftehim Kummerċjali huwa l-ftuħ effettiv u reċiproku tas-swieq tal-Akkwist Pubbliku tal-Partijiet. L-objettivi tat-Titolu VI tal-Ftehim Kummerċjali dwar l-akkwist pubbliku huma tnejn: biex jiġu stabbiliti d-dixxiplini tal-akkwist li jimmiraw li jiżguraw li l-kuntratti pubbliċi jiġu konklużi b'mod trasparenti, effiċjenti u nondiskriminatorju u li jinfetħu reċiprokament is-swieq tal-akkwist għall-offerenti, għall-prodotti u għas-servizzi mingħand il-parti l-oħra. Għalhekk, l-UE u l-Kolombja nnegozjaw bilateralment l-aċċess reċiproku għas-sejħiet tal-offerti ta' xulxin definiti fil-kopertura tal-kapitolu dwar l-akkwist pubbliku. Il-kopertura tal-kapitolu dwar l-akkwist pubbliku tiddefinixxi għal-liema akkwisti individwali jkunu japplikaw ir-regoli proċedurali u sostantivi negozjati.

Wara l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Kummerċjali[2], irriżulta li kumpaniji tal-UE ma ngħatawx aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku tal-entitajiet fil-livell subċentrali tal-gvern tal-Kolombja. Il-partijiet qablu li l-Kolombja timmodifika l-iskeda tagħha tal-aċċess għas-suq fil-livell subċentrali u ċċaraw li dan ma jkunx jeħtieġ aġġustamenti kumpensatorji.

Il-Ftehim Kummerċjali ġie applikat proviżorjament mill-1 ta' Marzu 2013 mal-Perù u mill-1 ta' Awwissu 2013 mal-Kolombja. Fl-1 ta' Jannar 2017, l-Ekwador daħal fil-Ftehim[3]. Madankollu, skont l-Artikolu 14 il-paragrafu 3 tal-Ftehim Kummerċjali, peress li d-deċiżjoni li se tiġi adottata mill-Parti tal-UE u mill-Kolombja għandha effett bejn dawn il-Partijiet biss, id-deċiżjoni tista' tittieħed b'mod bilaterali mill-UE u l-Kolombja.

---

1 ĠU L 354, 21.12.2012, p. 3.
2 ĠU L 56, 28.2.2013, p. 1.
3 ĠU L 356, 24.12.2016, p. 3.

2.2. Il-Kumitat għall-Kummerċ

Il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Artikolu 12 tal-Ftehim jagħmel superviżjoni u jiffaċilita t-tħaddim tal-Ftehim u l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tiegħu; jevalwa r-riżultati mill-applikazzjoni tal-Ftehim, b'mod partikolari l-evoluzzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-Partijiet; jagħmel superviżjoni tax-xogħol tal-korpi speċjalizzati kollha stabbiliti skont il-Ftehim u jirrakkomanda kwalunkwe azzjoni meħtieġa; jevalwa u jadotta deċiżjonijiet dwar kwalunkwe suġġett li jiġi riferut għandu mill-korpi speċjalizzati; u jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess, kif ukoll l-iskeda tal-laqgħat tiegħu u jistabbilixxi l-aġenda għal-laqgħat tiegħu. Il-Kumitat Kmmerċjali jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens. Id-deċiżjonijiet adottati huma vinkolanti fuq il-Partijiet, u l-Partijiet jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jimplimentawhom. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 12 il-paragrafu 4 tal-Ftehim, kwalunkwe deċiżjoni jenħtieġ li tiġi adottata mill-Parti tal-UE u mill-Pajjiż Andin firmatarju konċernat u jenħtieġ li jkollha effett biss bejn dawk il-Partijiet, sakemm dawn id-deċiżjonijiet ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi ta' Pajjiż Andin firmatarju ieħor (l-Artikolu 14 il-paragrafu 3).

2.3. L-att previst tal-Kumitat għall-Kummerċ

Fl-24 ta' Novembru 2017, waqt ir-raba' laqgħa tiegħu, il-Kumitat għall-Kummerċ se jadottata deċiżjoni dwar il-modifika tal-kopertura tal-Kolombja dwar l-akkwist pubbliku jiġifieri s-Subtaqsima 2 tat-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII ("Akkwist Pubbliku") tal-Ftehim ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jkun hemm modifika fis-SubTaqsima 2 tat-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII ("Akkwist Pubbliku") tal-Ftehim li jistipula l-entitajiet subċentrali tal-gvern tal-Kolombja li l-akkwist tagħhom huwa kopert mit-Titolu VI. Il-modifika proposta mill-Kolombja tinvolvi nota addizzjonali fis-Subtaqsima 2 li tispeċifika li "entitajiet tal-akkwist" tkopri l-entitajiet pubbliċi subċentrali tal-akkwist kollha, li ma jkollhomx karattru industrijali jew kummerċjali.

L-att previst għandu jsir vinkolanti għall-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 14 il-paragrafu 2 tal-Ftehim, li jipprevedi: "Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat għall-Kummerċ għandhom jorbtu lill-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jimplimentawhom."

3. IL-POŻIZZJONI LI SE TIĠI ADOTTATA F'ISEM L-UNJONI

Il-Kunsill qed jintalab jadotta pożizzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, il-Kolumbja u l-Peru li timmodifika s-Subtaqsima 2 tat-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII ("Akkwist Pubbliku") tal-Ftehim Kummerċjali li jispeċifika l-entitajiet subċentrali tal-gvern tal-Kolombja li l-akkwist tagħhom huwa kopert mit-Titolu VI. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar l-emenda proposta għandha tkun skont l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Din il-modifika proposta mill-Kolombja tinvolvi nota addizzjonali fis-Subtaqsima 2 li tispeċifika li "entitajiet tal-akkwist" tkopri l-entitajiet pubbliċi subċentrali tal-akkwist kollha, li ma jkollhomx karattru industrijali jew kummerċjali.

Ir-raġuni għal din il-bidla hija minħabba l-interpretazzjoni differenti mill-UE u mill-Kolombja tal-kopertura tal-akkwist pubbliku mill-gvern tal-Kolombja fil-livell subċentrali li rriżultat f'li l-Kolombja ma tagħtix aċċess lill-kumpaniji mill-UE għall-sejħiet għall-offerti minn entitajiet pubbliċi ekonomikament importanti fil-livell subċentrali. B'din l-emenda, se tiġi ċċarata l-kopertura tal-entitajiet tal-akkwist Kolumbjani fil-livell subċentrali u se tinkludi entitajiet

bħall-“*Instituto de Desarrollo Urbano*” (IDU) inkarigat mill-iżvilupp tal-infrastruttura f’Bogota.

L-Artikolu 191 (“Modifiki u Rettifikazzjonijiet tal-Kopertura”) tal-Ftehim jipprevedi l-possibbiltà li tiġi mmodifika l-kopertura tat-Titolu VI dwar l-Akkwist Pubbliku; u l-Kumitat għall-Kummerċ għandu s-setgħa li jaqbel ma’ dawn il-modifiki proposti biex il-Partijiet jimmodifikaw l-Anness rilevanti, jiġifieri l-Anness XII (“Akkwist Pubbliku”) tal-Ftehim skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 191.

Meta wieħed iqis li d-deċiżjoni għandu jkollha effett biss bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja, id-deċiżjoni tista’ tiġi adottata fil-Kumitat għall-Kummerċ mill-Unjoni Ewropea u mill-Kolombja, peress li tikkonċerna esklużivament ir-relazzjoni bilaterali ta’ bejniethom skont l-Artikolu 14 paragrafu 3 tal-Ftehim.

Il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat għall-Kummerċ huwa korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa u l-Kolombja u l-Perù min-naħa l-oħra.

Id-Deċiżjoni li l-Kumitat għall-Kummerċ irid jadotta tikkostitwixxi att b’effetti legali vinkolanti, skont l-Artikolu 14 il-paragrafu 2 tal-Ftehim Kummerċjali. L-att previst ma jissupplimentax jew jemenda l-qafas istituzzjonali tal-ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament fuq l-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tiġi adottata pożizzjoni f’isem l-Unjoni.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst, jiġifieri l-estensjoni tal-kopertura tal-akkwist taħt it-Titolu VI ta’ dan il-Ftehim, jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni.

Il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija, għalhekk, l-Artikolu 207 TFUE u b’mod partikolari l-paragrafu 4 tiegħu.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 207(4) tat-TUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2017/0257 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat għall-Kummerċ rigward l-emenda tal-Anness XII tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, li tistabbilixxi l-lista ta' entitajiet tal-akkwist Kolombjani skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI ("Akkwist Pubbliku")

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Kolombja u l-Perù min-naħa l-oħra, ("il-Ftehim Kummerċjali") ġie applikat proviżorjament mal-Kolombja mill-1 ta' Awwissu 2013[4].

(2) Skont il-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 14 tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjonijiet b'kunsens meta dawn ikunu jinvolvu biss lill-Parti tal-UE u lill-Pajjiż Andin firmatarju konċernat (jiġifieri, il-Kolombja), sakemm dawn id-deċiżjonijiet ma jaffettwax id-drittijiet u l-obbligi ta' Pajjiż Andin firmatarju ieħor.

(3) Il-Kumitat għall-Kummerċ, waqt ir-raba' laqgħa tiegħu fl-24 ta' Novembru 2017 se jadotta d-deċiżjoni biex jaqbel mal-modifika tas-Subtaqsima 2 tat-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII ("Akkwist Pubbliku"). Il-modifika tikkonsisti fi kjarifika tal-kopertura tal-entitajiet tal-akkwist tal-gvern fil-livell subċentrali fil-Kolombja. Din il-modifika tinvolvi li tiddaħħal nota fis-Subtaqsima 2 tal-kopertura tal-akkwist pubbliku tal-Kolombja li tispeċifika li "entitajiet tal-akkwist" tkopri l-entitajiet pubbliċi subċentrali tal-akkwist kollha, li ma jkollhomx karattru industrijali jew kummerċjali. L-UE u l-Kolombja jaqblu li tali modifika ma tkunx teħtieġ aġġustamenti kumpensatorji.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li se tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill għall-Kummerċ, peress li d-deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

(5) Billi d-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ se temenda l-Anness XII tal-Ftehim, huwa xieraq li din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

(6) Fil-Kumitat għall-Kummerċ, l-Unjoni tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/735/UE tal-31 ta' Mejju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja, tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra (ĠU L 354, 21.12.2012, p. 3).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fir-raba' laqgħa tal-Kumitat għal-Kummerċfl-24 ta' Novembru 2017 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President